MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2012

Mandat Numru. 1784/2012/1

**Alfred Muscat (karta ta' l-identita` numru 950444 (M)), u Felix Benedict sive Benny Agius (karta ta' l-identita` numru 122356 (M)), f'isimhom personali kif ukoll fil-kwalita` taghhom ta' President u Segretarju tal-Lotto Receivers Union (RTU 103) f'isimha propju kif ukoll in rapprezentanza tar-Ricevituri tal-Lottu Membri taghha**

**vs**

**Maltco Lotteries Limited**
**(C – 32326)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat tar-rikorrenti fuq indikati datat is-27 ta' Novembru, 2012, li permezz tieghu sintetikament esponew is-segwenti:

1. Illi jippostulaw li s-socjeta` ntimata fuq riferita qieghda:

i. Thedded lir-rikorrenti li ser twaqqafhom jew tissospendihom milli joperaw kif jixtiequ u tissostitwihom b'terzi;

ii. Tiddezattivalhom l-apparat u "*software*" li juzaw;

iii. Tieqaf milli tissupplihom bil-materjal necesssarju hemm indikat;

2. Illi l-azzjonijiet suesposti gew espressament indikati f'ittri mibghuta lilhom mis-socjeta ntimata;

3. Illi dawn l-istess azzjonijiet minaccati huma rizultat ta' registrazzjoni ta' nuqqas ta' ftehim bejn il-kontendenti stante li l-istess rikorrenti jallegaw li s-socjeta` ntimata m'ghandha l-ebda dritt timponi tali azzjonijiet, fosthom anke, garanzija ndividwali jew kollettiva ta' nofs miljun Ewro, (€500,000.00, minflok dik ta' hamsa u tletin elf Ewro, (€35,000.00), precedentement lilhom indikata;

4. Illi ghaldaqstant ir-rikorrenti filwaqt li jhossu li l-hrug ta' dan il-mandat hu wiehed necessarju stante li b'hekk biss is-socjeta` ntimata titwaqqaf milli timmolestja jew taghmel hsara monetarja lir-ricevituri nvoluti, jitolbu l-hrug tal-mandat t'inibizzjoni in dizamina;

Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat is-27 ta' Novembru, 2012, li permezz tieghu filwaqt li laqghet it-talba tar-rikorrenti provizorjament, ordnat in-notifika tal-istess lill-kontroparti ghar-risposta;

Rat ir-risposta tas-socjeta` ntimata datata t-3 ta' Dicembru, 2012, li permezz taghha sintetikament irrispondiet bil-mod segwenti:

1. Illi tirrespingi l-allegazzjoni vantata li b'xi mod heddet jew kellha l-intenzjoni li thedded lil xi hadd;

2. Illi l-istess socjeta` ntimata qieghda biss tagixxi fit-termini tad-drittijiet taghha fid-dawl tal-interessi legittimi taghha;

3. Illi ma hemm l-ebda raguni valida fil-ligi biex jinhareg il-mandat hawn mitlub stante li ma hemm l-ebda *necessita*` jew htiega skont il-ligi, ghal dan;

4. Illi di piu`, issostni wkoll li la r-rikorrenti, lanqas *prima facie,* m'ghandhom dritt isostnu dak minnhom vantat fir-rikors promotur, allura m'hemm l-ebda raguni valida fil-ligi li tissostanzja l-azzjoni intrapriza;

5. Illi in oltre jirrizulta li l-kuntratt meritu tal-vertenza in dizamina hu bejn il-Gvern ta' Malta u s-socjeta` ntimata, u stante li r-rikorrenti m'humiex parti mill-istess, allura lanqas ghandhom "*locus standi*" fil-vertenza;

6. Illi finalment, stante li "*ex admissis*" il-hsara postulata mill-istess rikorrenti hi ta' natura finanzjarja, ma hemm fil-fatt l-ebda pregudizzju rrimedjabbli kif rikjest statutorjament;

7. Illi ghaldaqstant, it-talba tar-rikorrenti ghandha tigi michuda;

Rat id-dokumenti kopjuzi esebiti;

Rat l-affidavitijiet prodotti;

Rat l-atti l-ohra kollha;

Semghet lill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi *ai termini* tal-artiklu 873 (1) tal-Kap 12, l-iskop ta' mandat t'inibizzjoni hu dak li:

" … jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tkun, li tista' tkun ta' pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat";

Illi pero`, tenut kont tal-principju generali fuq riprodott l-istess artiklu, fit-tieni (2) sub-inciz tieghu jistipula s-segwenti:

“ Il-qorti m’ghandhiex tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent *prima facie* jidher li ghandu dawk il-jeddijiet”;

Ikkunsidrat:

Illi l-meritu tal-vertenza odjerna jista’ jigi sintetikament espost bil-mod segwenti:

1. Illi l-kontendenti flimkien jiggestixxu l-operat tal-loghob tal-lottu, ir-rikorrenti bhala agenti u s-socjeta` ntimata, bhala il-principal;

2. Illi r-relazzjonijiet bejniethom huma regolati permezz tal-ftehim datat is-6 ta’ Lulju, 2012, (ara fol 159 *et sequitur*);

3. Illi l-preokkupazzjoni tar-rikorreni tirrigwarda l-garanzija – individwali jew kollettiva – imposta mis-socjeta` principali ntimata fuq l-agenti taghha;

4. Illi stante li rizultat tal-istess ftehim jirrizulta li s-socjeta` ntimata qed titlob somma kospikwa, l-intimati rribellaw stante li jarawha punittiva wisq, u rrikorrew ghall-azzjoni odjerna;

Ikkunsidrat:

Illi jirrizulta wkoll li skont in-nota tar-rikorrenti datata l-10 ta’ Dicembru, 2012, l-istess rikorrenti ntavolaw avviz ta’ arbitragg *ai termini* tal-istess kuntratt fuq riferit datat is-6 ta’ Lulju, 2012;

Ikkunsidrat:

Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li l-protezzjoni giljottineska mitluba mill-istess rikorrenti fl-atti odjerni tirrizulta prematura stante li f’dan l-istadju, tenut kont tal-istess procedura ta’ arbitragg minnhom intrapriza fuq riferita, u ta’ rimedji ohra disponibbli ghall-istess rikorrenti,

ma jirrizultax li allura hemm xi drittijiet minnhom vantati li ser jigu pregudikati rrimedjabbilment;

Ikkunsidrat:

Illi *di piu`*, jirrizulta li *ai termini* tal-artiklu 12 tal-ftehim fuq gia` riferit, *prima facie*, jirrizulta assodat li s-socjeta` ntimata qed tagixxi fit-termini tal-istess fejn ir-rimedju postulat, kemm –il darba jkun hemm nuqqas ta' ftehim, hu dak li effettivament gie intrapriz mill-istess rikorrenti meta rrikorrew ghall-arbitragg;

Illi ghalhekk, stante li jirrizulta pacifiku li s-socjeta` ntimata qieghda tagixxi fit-termini tad-drittijiet taghha naxxenti mill-ftehim fuq riferit liberament aderit mill-istess partijiet, u tenut kont tas-suespost, din il-qorti ma tqisx li hemm xi drittijiet li qed jigu pregudikati b'mod irrimedjabbli u konsegwentement, filwaqt li takkolji t-talbiet tas-socjeta` ntimata, tirrespingi t-talbiet tar-rikorrenti, bl-ispejjez.

_________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------